5. Illi barra minn hekk, l-intimat obbliga ruħu wkoll li jagħmel il-benefikai MEPA infringements, no main door and joined houses ċjoè jirranġa l-istess post wara li għamel tibdil strutturali bla permess tas-sid u bla permess tal-PA fil-fond kif stipulati fi kwasoli numru 5 u 12 nonostante dawn ix-xogħlijiet baqgħu ma sarux fil-fond mertu tal-kawża odjerna;

6. Illi l-iskrittura ta' kera li ġiet iffirmata mill-partijiet kontendenti f'din il-kawża tistipula, fil-klawsola bin-numru 13, il-ħlas ta' penali ta' €200 għal kull ġurnata ta' okkupazzjoni tal-inkwilin meta jonqos li josserva u jonera l-kundizzjonijiet kif imposti fl-iskrittura tal-kirja u jonqos li jassenja ċ-ċwievet tal-fond bil-pussess battal u bl-alterazzjoni magħmula u jiżgombra l-fond;

7. Illi l-esponenti tiddikjara li sa fejn taf hi, l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet valid x'jagħti għat-talbiet rikorrenti u għalhekk huwa l-każ li l-kawża odjerna tinstema' u tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u a tenur tal-artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta);

8. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tal-esponenti, u dan permezz tad-dikjarazzjoni tal-fatti tar-rikorrenti, li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;

9. Illi għalhekk kellha tiġi intavolata din il-kawża.

Għaldaqstant in vista tas-suespost, jgħid l-intimat għaliex m'għandux dan il-Bord bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-

3. The last rent payment that the lessee paid was that of September 2018 and in fact the rent due for January of the current year and of the 9th May of the current year is still unpaid by him. Although the respondent is still in default of payment, the abovementioned premises have not been returned to the applicant and this although the respondent has no title whatsoever. This default is causing the applicant prejudice and damage;

4. Apart from this the respondent had problems with the payments of the water and electricity, and this in breach of clause number 15 of the lease agreement. In fact this clause stipulates that if the tenant is in default of payment of the water and electricity bills, the lease is terminated and the tenant obliges itself to return the premises to the owner. In fact there is a balance of €13,950.23 which is still due and the electricity main was disconnected;

5. Apart from this the respondent obliged himself to do the improvements MEPA infringements, on main door and joined houses and namely to restore the same premises after he made structural alterations in the premises without the permission of the owner and without the permission of the PA as stipulated in clause 5 and 12 and this notwithstanding the works were still not carried out in the premises subject matter of these proceedings;

6. In terms of the lease agreement which was signed between the parties in this case, it is stipulated in clause 13 that penalties of €200 daily shall accrue for the occupation of the premises by the lessee if he does not observe the conditions imposed on him in the lease agreement and fails to return the keys of the premises with the vacant possession and with the alterations carried out and to vacate the premises;

7. The applicant declares that as far as she knows the respondent does not have any defences to bring to the requests of the applicant and thus it is the case that the case should be heard and be decided summarily without proceeding to trial according to article 167 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta) in terms of article 16A of the Reletting of Urban Property Regulation Ordinance (Cap. 69 of the Laws of Malta);

8. These facts are of direct knowlegde of the applicant and this as set out by means of a declaration of facts of the applicant which is being here attached and marked as Doc. B;

9. So these procedures had to be instituted.

Thus in view of the above, the respondent should state why this Board should not proceed summarily without

artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Jisma' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ u dan għall-finijiet tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Jiddikjara illi l-intimat hu moruż fil-ħlas tal-kera u li qiegħed jokkupa l-fond Syville, lokat fi Triq Valletta, Il-Mosta mingħajr ebda dritt validu fil-liġi;

3. Tordna lill-intimat Dr Bajada sabiex fi żmien qasir u perentorju li dan l-Onorabbli Bord jogħġbu jipprefiġi, jirrilaxxa l-pussess u jiżgombra mill-fond u jikkonsenja ċ-ċwievet tal-istess fond lir-rikorrenti, u dan prevja kull provediment li dan il-Bord jidhirlu xieraq u opportun;

4. Jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas dawk l-arretrati tal-ħlas tal-kera, u tad-dawl u l-ilma kollha dovuti u jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ai termini tal-kuntratt; jirranġa l-post skont kif indikat fil-ftehim;

5. Jikkundanna, mingħajr preġudizzju għas-suespost, lill-intimat iħallas lir-rikorrenti penali ta' €200 għal kull ġurnata li l-intimat naqas li josserva l-kundizzjonijiet tal-kirja u naqas li jassenja ċ-ċwievet tal-fond bil-pussess battal u l-alterazzjoni magħmula sal-ġuranta ta' żgumbrament effettiv, bħala penali skont il-klawsola numru 13 tal-iskrittura ta' kera ffirmata bejn il-partijiet.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimat li qiegħed minn issa jiġi inġunt in subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lilu.

Rikorrenti: Landsbridge Mansion, Apartment 3B, Buġibba Promenade, Buġibba SPB 2506

Intimat: Syville, Triq Valletta, Il-Mosta

Ir-rikors fl-ismijiet Antonia Grech vs Dr Eucharist Bajada, rikors numru 149/2019MV, jinsab differit għat-13 ta' Frar, 2020, fl-10.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

proceeding to trial according to article 167 et sequitur of Chapter 12 of the Laws of Malta and article 16A of Chapter 69 of the Laws of Malta and:

1. Hear these proceedings summarily without proceeding to trial according to article 167 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta) and article 16A of the Reletting of Urban Property Regulation Ordinance (Cap 69 of the Laws of Malta);

2. Declare that the respondent is in default of payment of the rent and is occupying the premises Syville found in Triq Valletta, Mosta without any valid title at law;

3. Order the respondent Dr Bajada so that within a short and peremptory time that this Honourable Board deems fit, to release the possession, and vacate from the premises and give back the keys of the same premises to the applicant, and this subject to any declaration which this Board deems fit and opportune;

4. Condemn the respondent to pay the rent arrears and that of the water and electricity that are due and to make good for the costs of the termination of the agreement; and restore the premises according to that stipulated in the agreement;

5. Without prejudice to the abovementioned, condemn the respondent pays the applicant the penalties of €200 a day since the respondent failed to observe the conditions of the lease and failed to return the keys of the premises and vacant possession and failed to restore the premises and this till the date of the effective eviction, and the penalties according to clause number 13 of the lease agreement signed between the parties.

With costs and legal interest from the date of effective payment, against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made, and reserving any other action against the respondent.

Plaintiff: Landsbridge Mansion, Apartment 3B, Buġibba Promenade, Buġibba SPB 2506

Respondent: Syville, Triq Valletta, Mosta

The application in the names Antonia Grech vs Dr Eucharist Bajada, Application Number 149/2019MV, has been postponed for hearing to the 13th February, 2020, at 10.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 31st January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

157

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Jannar, 2020, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2439/2019, fl-ismijiet J. Zammit Estates Limited vs Sandro Piscopo, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Sandro Piscopo (KI 292273M) ta' Lot 35, Flat 3, Triq il-Marokk, In-Naxxar, fl-14 ta' Novembru, 2019, J. Zammit Estates Limited ġja JMC Properties Limited, tinterpellak sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €3,340.32 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rappreżentanti erbgħa u għoxrin (24) skadenza ta' kambjali, kull waħda b'valur ta' €139.18 liema kambjali mmaturaw fit-3 ġurnata ta' kull xahar minn Frar tas-sena 2017 sa Novembru tas-sena 2018 rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1 – Dok. A24).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lill-Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tiegħek il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-Liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż kontra tiegħek.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat ai termini tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tirrendi kambjala esegwibbli u f'każ li inti ma tagħmilx rikors fi żmien għoxrin (20) ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex topponi l-eżekuzzjoni tal-istess kambjali jekk jidhirlek illi l-firma fuq il-kambjala mhijiex tiegħek jew tal-mandatarju tiegħek jew jekk jidhirlek illi hemm raġunijiet gravi u validi biex topponi din l-eżekuzzjoni, il-kambjala inkwistjoni tiġi reża esegwibbli.

Soċjetà mittenti: J. Zammit Estates Limited, Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 31 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 12th January, 2020, in the records of the judicial letter number 2439/19, in the names J Zammit Estates Limited vs Sandro Piscopo, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Sandro Piscopo (ID 292273M) of Lot 35, Flat 3, Triq il-Marokk, Naxxar on the 14th November, 2019, J. Zammit Estates Limited, previously JMC Properties Limited, solicits you so that you pay immediately the amount of €3,340.32 besides the legal interest from the due day of each bill of exchange till the effective payment, representing twenty-four (24) installments of value €139.18 each, which bills of exchange expired on the 3rd day of each month from February 2017 till November 2018 (copies here attached and marked Doc. A1 – Doc. A24).

This judicial letter is being made in terms of Articles 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interepllant warns you that if within twenty (20) days from the notification of this judicial letter you do not show this Court grave and valid reasons to oppose such execution of these bills of exchange, this credit will be rendered an executive title and executive warrants will be issued against you according to Law.

So much so may know how to proceed and regulate yourself and with costs against you.

This judicial letter is being sent to you in terms of Articles 253(e) and 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta and to render executable the bills of exchange and in case you do not make an application within twenty (20) days from the notification of this judicial letter in terms of Article 253(e) Chapter 12 of the Laws of Malta to oppose the execution of the same bills of exchange on the basis that the signature on the bills of exchange is not yours or of your mandatory or on the basis of grave and valid reasons to oppose this execution, the bills of exchange in question will be rendered executable.

Interpellant company: J. Zammit Estates Limited, Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 31st January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

158

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-23 ta' Ottubru, 2019, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C 22334) ta' Triq Fra Diegu, Il-Marsa MRS 1501, ippreżentat Talba, fl-14 ta' Ottubru, 2019, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Schmidt Jasinskis Tobias Bulow (KI 137125A) ta' Zephyr, Flat 3, Triq ir-Rebħa, Il-Gżira, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1682.58 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 307/19CZ) hija differita għad-19 ta' Frar, 2020, fil-12.15 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum il-31 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 23rd October, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334) of Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501, filed a Claim on the 14th October, 2019, whereby they asked the Tribunal to condemn Schmidt Jasinskis Tobias Bulow (ID 137125A) of Zephyr, Flat 3, Triq ir-Rebħa, Gżira, to pay the plaintiff company the sum of €1682.58 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 307/19CZ) is deferred on the 19th February, 2020, at 12.15 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 31st January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

159

B'digriet tas-17 ta' Jannar, 2020, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn J. Zammit Estates bin-numru tar-reġistrazzjoni C 52422 fl-24 ta' Ottubru, 2019, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €467.21 minn J. Zammit Estates Limited depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 1694/2017 fl-ismijiet:

J Zammit Estates Limited C 52422
vs
Claudette Camilleri (KI 504478M) u Loreta Zammit (KI 266075M) bħala l-mandatarja speċjali tal-assenti Christopher Camilleri (passaport numru 1074707) u bħala leġittima rappreżentanta ta' binha minuri … omissis …, fil-kapaċità tagħhom bħala eredi ta' Carmelo Cornelius sive Charles Camilleri (KI 459191M)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi tlett (3) ijiem żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum l-Erbgħa, 29 ta' Jannar, 2020

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 17th January, 2020, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by the application filed by J. Zammit Estates Limited with the registration number C 52422 on the 24th October, 2020, is asking for the withdrawal of the amount of €467.21 by J. Zammit Estates Limited deposited by the Schedule of Deposit number 1694/2017 in the names of:

J Zammit Estates Limited C 52422
vs
Claudette Camilleri (ID 504478M) and Loreta Zammit (ID 266075M) as special mandatory of the absent Christopher Camilleri (passaport number1074707) and as a legitimate representative of her minor son … omissis …, in their capacity as heirs of Carmelo Cornelius sive Charles Camilleri (ID 459191M)

The Court ordered the notification of this application with three (3) days for filing a reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Wednesday, 29th January, 2020

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Courts and Civil Tribunals

160

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-20 ta' Diċembru, 2019, fuq talba ta' EMC Shipping Malta Limited ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà Volant Shipping and Trading S.A. fl-atti tar-Rikors numru 379/2019GM, fl-ismijiet EMC Shipping Malta Limited vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' April, 2019, fl-ismijiet EMC Shipping Malta Limited (C 67205) vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà Volont Shipping and Trading S.A. (MH 96960) fejn Edgar Cachia (KI 629261M), in rappreżentanza tas-soċjetà EMC Shipping Malta Limited (C 67205) ta' 8, Vjal Sir Michealangelo Refalo, Ħal Balzan, Malta espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

Illi bejn Ottubru tas-sena 2017 u Frar tas-sena 2018 is-soċjetà rikorrenti rrendiet diversi servizzi marittimi lill-bastiment Hephaestus u Roschem 2, fir-rigward ta' liema s-soċjetà konvenuta aġixxiet bħala aġent, hekk kif jidher b'aktar dettall mill-anness rendikont immarkat bħala Dokument A u mill-annessi fatturi relattivi mmarkati bħala Dokumenti B-G;

Illi l-ordni ta' dawn is-servizzi ngħatat lis-soċjetà rikorrenti mis-soċjetà konvenuta li kienet qiegħda taġixxi bħala l-aġent tal-bastiment Hephaestus u Roschem 2;

Illi jirriżulta li s-soċjetà konvenuta ma ħallsitx xi fatturi li ħarġet is-soċjetà rikorrenti, li jidhru mir-rendikont hawn anness u mmarkat bħala Dokument A, ossia s-segwenti fatturi:

i. Fattura numru EMC 270/17 datata 22 ta' Diċembru, 2017, għas-somma ta' €15,061.84 li minn dan l-ammont il-bilanċ ta' €11,210.73 għadu dovut, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument B;

ii. Fattura numru EMC 298/17 datata 31 ta' Jannar, 2018, għas-somma ta' €5,091.21 dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument C;

iii. Fattura numru EMC 308/17 datata 31 ta' Jannar, 2018, għas-somma ta' €2,414.73 dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument D;

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 20th December, 2019, following a request of EMC Shipping Malta Limited it was ordered that deputy curators be chosen to represent the respondent company Volont Shipping and Trading S.A. in the records of the Sworn Application 379/2019GM, in the names EMC Shipping Malta Limited vs deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court in the names EMC Shipping Malta Limited (C 67205) vs deputy curators to represent the company Volont Shipping and Trading S.A. (MH 96960) on the 15th April, 2019, Edgar Cachia (ID 629261M) on behalf of the company EMC Shipping Malta Limited (C 67205) of 8, Vjal Sir Michelangelo Refalo, Ħal Balzan premised with respect and confirmed on oath:

That between October of 2017 and February 2018 the applicant compnay provided several maritime services to the ship Hephaestus and Roschem 2, whereby the respondent company acted as an agent, as is shown in detail in the attached statement marked as Document A and from the relative invoices attached marked as Documents B-G;

That the order of these services was given to the applicant company from the respondent company, that was acting as an agent of the ships Hephaestus and Roschem 2;

It results that the respondent company did not pay any invoices that were issued by the applicant company, that are shown from the attached statement here attached and marked as Document A, that is the following invoices:

i. Invoice number EMC 270/17 dated 22nd December, 2017, for the total amount of €15,061.84 out of which amount the balance of €11,210.73 is due, copy of the invoice is here attached and marked as Document B;

ii. Invoice number EMC 298/17 dated 31st January, 2018, for the amount of €5,091.21 due in its entirety, copy of the invoice is here attached and marked as Document C;

iii. Invoice number EMC 308/17 dated 31st January, 2018, for the amount of €2,414.73 due in its entirety, copy of the invoice is here attached and marked as Document D;

iv. Fattura numru EMC 305/17 datata 31 ta' Jannar, 2018, għas-somma ta' €3,025 dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument E;

v. Fattura numru EMC 309/17 datata 28 ta' Frar, 2017, għas-somma ta' €1,662.50 dovuta fl-intier tagħha, kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument F; u

vi. Fattura numru EMC 302/17 datata 28 ta' Frar, 2018, għas-somma ta' €3,619.10 dovuta fl-intier tagħha kopja tal-fattura hija hawn annessa u mmarkata bħala Dokument G.

Illi għalhekk is-somma globali dovuta mis-soċjetà rikorrenti tammonta għas-somma ta' €27,023.27.

Illi l-imsemmi ammont ta' €27,023.27 huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt u għalhekk fil-fehma tas-soċjetà rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Mata, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fil-fehma tal-istess soċjetà rikorrenti, is-soċjetà konvenuta m'għandhiex eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.

Illi għalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dan l-ammont baqa' ma tħallasx mis-soċjetà konvenuta u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Illi fl-umli fehma tas-soċjetà rikorrenti, is-soċjetà konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti.

Illi r-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti, Edgar Cachia, jaf b'dawn il-fatti personalment.

Tgħid għalhekk is-soċjetà konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti għas-somma ta' €27,023.27 rappreżentanti servizzi marittimi reżi mis-soċjetà rikorrenti a bażi ta' struzzjonijiet li ngħatawlha mis-soċjetà konvenuta;

3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' €27,023.27 għar-raġunijiet kif fuq dettaljati.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet bit-8% mid-data tal-fattura sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà konvenuta li tibqa' inġunta minn issa għas-subizzjoni.

iv. Invoice number EMC 305/17 dated 31st January, 2018, for the amount of €3,025 due in its entirety, copy of the invoice is here attached and marked as Document E;

v. Invoice number EMC 309/17 dated 28th February, 2017, for the amount of €1,662.50 due in its entirety, copy of the invoice is here attached and marked as Document F; and

vi. Invoice number EMC 302/17 dated 28th February, 2018, for the amount of €3,619.10 due in its entirety, copy of the invoice is here attached and marked as Document G.

Therefore the total amount due by the respondent company to the applicant company amounts to €27,023.27.

That the said amount of €27.023.27 is certain, liquid and due debt and it does not consitute in the execution of an act and so in the opinion of the applicant company there exist all the elements required in terms of Article 167 et sequitur of Cap. 12, of the Laws of Malta, such that the case will be decided without proceeding to trial, since in the opinion of the same applicant company, the respondent company does not have any defences to bring forward against the request for the payment of the said amount.

Although several solicitations were made, the amount is still due by the applicant company and so this case had to be made.

In the humble view of the applicant company, the respondent company does not have any valid defences to make to the requests of the applicant company.

The representative of the respondent company, Edgar Cachia, knows about these facts personally.

Thus, the respondents are to state why this Honourable Court should not:

1. Decide this case without proceeding to trial in terms of Article 167 et sequitur of Cap 12 of the Laws of Malta;

2. Declare that the respondent company is debtor to the applicant company in the amount of €27,023.27 representing the maritime services provided by the applicant company on the basis of instructions that were given by the respondent company;

3. Condemn the respondent company to pay the applicant company the amount of €27,023.27 for the reasons above detailed.

With costs and interest of 8% from the date of the invoice till the date of effective payment against the respondent company which is from now summoned so that a reference to its oath be made.

Rikorrenti: 8, Vjal Sir Michelangelo Refalo, Ħal Balzan

Notifika:
Volont Shipping and Trading S.A. Trust Company Complex, Ajeltake Rd, Ajeltake Isalnd Majuro, Marshall Islands
Volont Shipping and Trading S.a. Vintsentzou kornarou 65, Siteia, Kreta
Kuraturi deputati

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet EMC Shipping Malta Limited vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Volont Shipping and Trading S.A., rikors ġuramentat numru 379/2019GM jinsab differit għas-smigħ għall-25 ta Frar, 2020, fil-11.00 a.m.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol ghal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 20 ta' Diċembru, 2019

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant: 8, Vjal Sir Michelangelo Refalo, Ħal Balzan

Notification:
Volont Shipping and Trading S.A. Trust Company Complex, Ajeltake Rd, Ajeltake Isalnd Majuro, Marshall Islands
Volont Shipping and Trading S.a. Vintsentzou kornarou 65, Siteia, Crete
Deputy curators

The sworn application in the names EMC Shipping Malta Limited (C 67205) vs Volont Shipping and Trading S.A., Application Number 379/2019GM, has been postponed for hearing to the 25th February, 2020, at 11.00 a.m.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Lawrence Mintoff LLD, Doctor of Laws.

Today 20th December, 2019

Registry of the Superior Courts, today 31st January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

161

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tat-12 ta' Diċembru, 2019, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc (C 41030) ta' 203, Livell 2, Triq D'Argens, Il-Gżira, Malta, ippreżenta Talba, fl-1 ta' Novembru, 2019, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Tennielle Mizzi (KI 0589390M) ta' 79, Triq il-Lvant, Il-Belt Valletta VLT 1250, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,277.02 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 12th December, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

BNF Bank plc previously Banif Bank (Malta) plc (C 41030) of 203, Level 2, Triq D'Argens, Gżira, Malta, filed a Claim on the 1st November, 2020, whereby they asked the Tribunal to condemn Tennielle Mizzi (ID 0589390M) of 79, Triq il-Lvant, Valletta VLT 1250, to pay the plaintiff company the sum of €1,277.02 which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż Nru. 344/19PM) hija differita għat-12 ta' Frar, 2020, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 31 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interests

The case (Claim Number 344/19PM) is put off on the 12th February, 2020, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 31st January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

162

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-3 ta' Diċembru, 2019, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Citadel Insurance plc vs Nicholas Farrugia, Rikors Numru 89/18 LM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Paula Jean Vella, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, wara deċiżjoni taċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ mogħtija fis-26 ta' Lulju, 2018, fl-Arbitraġġ Mandatarju bin-numru M3979/2014, fl-ismijiet Citadel Insurance (C 21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Paula Jean Vella sija bil-polza u sija bil-liġi u l-istess Paula Jean Vella (KI 6159A) vs Nicholas Farrugia (KI 319260M) fid-9 ta' Awwissu, 2018, ir-rikorrenti intimat Nicholas Farrugia (KI 319260M) espona bir-rispett:

1. Illi l-esponent ħassu aggravat minn deċiżjoni mogħtija miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ u ċjoè mil-Lodo Arbitrali tas-26 ta' Lulju, 2018, fl-ismijiet fuq premessi, bin-numru ta' referenza M 3979/2014, liema proċeduri kienu qed jinstemgħu kontestwalment mal-Arbitraġġ Mandatorju numru ta' referenza M 3983/2014.

… omissis …

2. Illi għaldaqstant l-esponent hawn appellant qiegħed jinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi għall-aħjar intendiment ta' dan l-appell ikun opportun li tiġi elenkata l-kronoloġija tal-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni.

i) Ir-rikorrenti hawn appellati fl-Arbitraġġ Numru M 3979/2014 ressqu talba quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ fid-9 ta' April, 2014, fejn talbu lill-istess Ċentru sabiex isib responsabbiltà ta' ħtija fl-intimat Nicholas Farrugia hawn appellant u sabiex jiġi kundannat iħallas lir-rikorrenti appellati d-danni minnhom subiti ammontanti għal €831.97 oltre spejjeż ġudizzjarji u imgħaxijiet legali kif mitluba in segwitu għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-10 ta' Jannar, 2013.

By means of a decree given by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) on the 3rd December, 2019, in the records of the Application in the names Citadel Insurance plc vs Nicholas Farrugia, Application Number 89/18 LM, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Paula Jean Vella, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal, following the decision of the Maltese Arbitration Centre, given on the 26th July, 2018, in the Mandatary Arbitration with number M3979/2014, in the names Citadel Insurance (C 21550) as subrogated in the rights of its insured Paula Jean Vella both by policy and by law and the same Paula Jean Vella (ID 6159A) vs Nicholas Farrugia (ID 319260M) on the 9th August, 2018, the applicant Nicholas Farrugia (ID 319260M) respectfully pleaded:

1. That the interpellant felt aggrieved by a decision given by the Maltese Arbitration Centre and namely the Arbitration Award of the 26th July, 2018, in the names above premised, with reference M 3979/2014, which procedures were being heard together with the Mandatory Arbitration reference number M 3983/2014.

… omissis …

2. That thus the interpellant here appellant is filing this humble appeal before this Honourable Court.

3. That for the better understanding of this appeal it will be opportune that there be listed the chronolgy of the facts that gave rise to the present procedures.

i) The interpellants hereby respondents in the Arbitration with number M3979/2014, brought forward a request before the Maltese Arbitration Centre on the 9th April, 2014, whereby they asked the same Centre in order to find the respondent Nicholas Farrugia herein appellant responsible and guilty and so that the same he be condemned to pay the applicant respondents the damages suffered by them amounting to €831.97 besides judicial expenses and legal interest as demanded following the car accident which occurred on the 10th January, 2013.

… omissis …

v) L-Arbitru għaddiet għad-deċiżjoni tagħha fuq it-talbiet u l-eċċezzjonijiet imressqa mill-partijiet permezz tal-lodo arbitrali tas-26 ta' Lulju, 2018:

'Illi minn analiżi tax-xhieda u tad-dokumentazzjoni prodotta mill-partijiet fl-atti ta' dan l-arbitraġġ, hija l-fehma kunsiderata tal-Arbitru li entrambi l-partijiet għandhom nuqqasijiet li kkontribwew għall-inċident. Filwaqt li Paula Jean Vella bil-manuvra li għamlet ma wrietx id-diliġenza neċessarja sabiex hija ddur fi Triq il-Majjistral, Nicholas Farrugia ma kienx f'pożizzjoni li jevita l-inċident meta ffaċjat bil-manuvra li wettqet ix-xufiera l-oħra, entrambi l-partijiet għandhom jerfgħu r-resposabbiltà għan-nuqqasijiet rispettivi tagħhom. Għaldaqstant in vista tas-suespost hija l-fehma kunsiderata tal-Arbitru li l-partijiet għandhom jinżammu ugwalment responsabbli għall-inċident mertu ta' dan l-Arbitraġġ.'

4. Illi kif ġa ngħad l-esponent ħassu leż u ppreġudikat minn din l-imsemmija deċiżjoni tal-Arbitru u għaldaqstant qed jagħmel użu mid-dritt moghti lilu ai termini tal-Artikolu 70c tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jissottometti s-segwenti gravami u osservazzjonijiet rigwardanti l-imsemmija deċiżjoni arbitrali.

5. Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

L-Arbitru kellha tippronunzja ruħha b'mod differenti għas-sejbien ta' ħtija għall-inċident awtomobilistiku mertu tal-proċeduri odjerni fid-dawl tal-provi prodotti quddiemha.

… omissis …

6. Huwa propju għalhekk li l-esponent umilment jissottometti illi l-Arbitru ma kienitx ġusta fil-konklużjoni tagħha meta addossat parti mir-responsabbiltà fuqu għaliex 'ma kienx f'pożizzjoni li huwa jevita l-inċident mata ffaċċjat bil-manuvra li wettqet ix-xufiera l-oħra'.

… omissis …

9. Illi mid-depożizzjoni mogħtija mill-esponent fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2016, jirriżulta b'mod ċar illi l-verżjoni minnu mogħtija hija ferm aktar verosimili minn dik tar-rikorrenti appellata.

… omissis …

10. Illi skont il-ġurisprudenza nostrana, meta sewwieq jiġi rinfaċċjat b'sudden emergency minħabba manuvraażżardata ta' sewwieq ieħor speċjalment meta tali manuvra timblokka u tinvadi l-karreġġjata tiegħu, timplika awtomatikament li s-sewwieq li ġie maħsud bil-manuvra tal-vettura l-oħra li

… omissis …

v) The Arbitrator passed on to her decision on the demands and the pleas brought forward by the parties by means of the arbitration award of the 26th July, 2018:

'That from an analysis of the evidence and the documentation produced by the parties in the records of this Arbitration, it is the considered opinion of the Arbitrator that both the parties have shortcomings that contributed to the incident. Whilst Paula Jean Vella, due to the manoeuvre she made, did not show the necessary diligence necessary in order to turn in Triq il-Majjistral, Nicholas Farrugia was not in a position to avoid the incident when faced with the manoeuvre that the other driver did, both parties are to shoulder responsibility for their respective defaults. Thus in view of the above it is the considered opinion of the Arbitrator that the parties are to be held equally responsible for the incident merit of this Arbitration.'

4. That as already stated the interpellant felt aggrieved and prejudiced by the said decision of the Arbitrator and is thus he is availing himself of the right given to him in terms of Article 70c of Chapter 387 of the Laws of Malta, in order to submit the following grievances and observations regarding the said arbitration decision.

5. That the grievance is clear and manifest and consists in the following:

The Arbitrator had to pronounce herself in a different manner for the finding of guilt for the car incident merit of the present procedures in the light of the proof brought before her.

… omissis …

6. It is thus why the interpellant humbly submits that the Arbitrator was not just in her conclusion when it put part of the responsibility on him because 'he was not in a position to avoid the incident when faced with the manoeuvre that the other driver made'.

… omissis …

9. That from the deposition given by the interpellant in the sitting of the 2nd March, 2016, it clearly results that the version given by him is more reliable than that of the respondent defendant.

… omissis …

10. That according to our jurisprudence when a driver is faced with a sudden emergency due to the hazardous manoeuvre of another driver, especially when such manoeuvre blocks and invades his carriageway, it automatically implies that the driver who was shocked by the manuvre of the other

tkun invadietlu l-karreġġjata huwa eżonerat minn kull forma ta' responsabbiltà sakemm ma jkunx ippruvat illi kien hemm fattur kontributorju da parti tiegħu għall-akkadut.

… omissis …

14. In vista tal-premess ġaladarba jirriżulta li l-esponent kien rinfaċċjat bil-manuvra ażżardata tal-intimata appellata kompletament għal għarrieda b'tali mod li ma kellux biżżejjed ħin u distanza li jiskapulaha huwa evidenti illi hija l-istess manuvra li ħolqot stat ta' emerġenza għall-imsemmi esponent li kienet il-kawża unika ta' dan is-sinistru.

Għaldaqstant filwaqt illi l-intimat hawn appellant jagħmel referenza għax-xhieda u għall-atti proċesswali kollha u jirriserva d-dritt li jipproduċi provi, xhieda u sottomissjonijiet ulterjuri skont il-ligi u prevja kull provvediment opportun fiċ-ċircostanzi, jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex tilqa' dan l-appell u tirriforma d-deċiżjoni arbitrali mogħtija fis-26 ta' Lulju, 2018, kif mitlub f'dan ir-rikors, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess rikorrenti appellati.

B'Avviż maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri fis-16 ta' Diċembru, 2019, u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell bejn Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Paula Jean Vella sija bil-polza u sija bil-liġi u l-istess Paula Jean Vella vs Nicholas Farrugia, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għall-Ġimgħa, sebgħa (7) ta' Frar, 2020, fid-9.00 a.m. għat-trattazzjoni.

Notifika intimata: Paula Jean Vella, 191, Ocean Pearl, Flat C ,Triq il-Gross, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) (Sede Inferjuri), illum 31 ta' Jannar, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

vehicle which invaded his carriageway is exhonerated from every from of responsibility until it is proved that there in a contributory factor on his part for the incident.

… omissis …

14. In view of the premised, once it results that the interpellant was faced with the completely hazardous manoeuvre of the respondent defendant all of a sudden in such a manner that he did not have enough time and distance to avoid it, it is clear that the same manoeuvre which created a state of emergency to the said interpellant was the sole cause of this accident.

Thus whilst the applicant here appellant refers to the evidence and all the records of the proceedings and reserves the right to bring forward the proof, witnesses and further submissions according to law and saving any opportune provision in the circumstances humbly prays this Honourable Court of Appeal to uphold this appeal and reform the arbitration decision given on the 26th July, 2018, as demanded in this application, including the payment of legal interest, with effect from the 27th January, 2014, till the date of effective payment and with costs of both instances against the same applicant respondents.

By means of a Notice issued by the Registry Superior Courts on the 16th December, 2019, and whereas the written proceedings before the Court of Appeal between Citadel Insurance plc as subrogated in the rights of her insured Paula Jean Vella both by policy and by law and the same Paula Jean Vella vs Nicholas Farrugia, the Court fixed the hearing of this cause on Friday, seventh (7) of February, 2020, at 9.00 a.m. for pleading.

Notify respondent: Paula Jean Vella, 191, Ocean Pearl, Flat C, Triq il-Gross, Marsaskala

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 31st January, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

163

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Jannar, 2020, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3126/19, fl-ismijiet Dominic Ellul et vs Angel Joseph Caruana, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Angel Joseph Caruana a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 20 ta' Awwissu, 2019

By means of a decree of the 22nd January, 2020, in the records of the judicial letter number 3126/19 in the names Dominic Ellul et vs Angel Joseph Caruana, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Angel Joseph Caruana in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 20th August, 2019

Lil Angel Joseph Caruana (KI 233680M) ta' Notti Magiche, Triq l-Arznell, Marsaxlokk

Permezz tal-preżenti Dominic u Michelle Ellul (KI 0404278M u 0412179M rispettivament) ta' 42, Mas Katoikia, Triq ix-Xerriek, Marsaxlokk jirrispondu għall-ittra uffiċjali tiegħek bin-numru 2887/19 u jinfurmawk li huma ma għamlu ebda struttura u/jew bini fl-arja tal-bitħa tal-garaxx tiegħek. Huma akkwistaw il-fond inkwistjoni kif inhu preċiżament illum u dan kif wara kollox akkwistajtu inti numru ta' snin ilu u wara li l-mittenti xtraw il-proprjetà tagħhom.

Huwa ovvju li qed tipprova biss tkun vessatorju fil-konfront tal-mittenti.

Għaldaqstant, qed tiġi intimat tieqaf minn dawn l-allegazzjonijiet u ma toħloqx kwistjonijiet.

Tant sabiex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

To Angel Joseph Caruana (ID 233680M) of Notti Magiche, Triq l-Arznell, Marsaxlokk

By means of this present Dominic and Michelle Ellul (ID 0404278M and 0412179M respectivly) of 42, Mas Katoikia, Triq ix-Xerriek, Marsaxlokk respond to your judicial letter number 2887/19 and inform you that they have erected no structure and/or building in the airspace of the yard of your garage. They acquired the premises in question as it is precisely today and this, after all, just like you acquired it a number of years ago and subsequent to the purchase by the applicants of their property.

Its is evident your actions are solely vexations towards the applicants.

Thus, you are solicted to cease from making these allegations further and not to create issues.

So much for your own guidance.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 31st January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

164

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-19 ta' Diċembru, 2019, fuq talba ta' Karen Inguanez, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-minuri … omissis … fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 267/19 AGV, fl-ismijiet 'Karen Inguanez vs Kuraturi Deputati' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Karen Inguanez vs Andrew Sayan, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri … omissis …, nominati b'digriet fit-28 ta' Novembru, 2019, ir-rikorrenti Karen Inguanez (KI 105685M) esponiet bir-rispett:

1. Ili l-esponenti kellha relazzjoni ekstra maritali ma' Andrew Sayan, li minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri … omissis …;

2. Illi l-esponent hija ċerta li … omissis … huwa l-wild bijoloġiku ta' Andrew Sayan.

Għaldaqstant l-attriċi, in vista ta' dak fuq premess, titlob lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara għar-raġunijiet premessi li l-minuri … omissis … huwa iben naturali tal-konvenut

By means of a decree given by this Court on the 19th December, 2019, following a request of Karen Inguanez, it was ordered that deputy curators be chosen to represent the minor … omissis …, in the records of the Sworn Application 267/19 AGV, in the names 'Karen Inguanez vs Deputy Curators' and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Karen Inguanez vs Andrew Sayan, the Director Public Registry and Deputy Curators to represent the minor … omissis …, appointed by decree on the 28th November, 2019, the applicant Karen Inguanez (ID 105685M) respectfully pleaded:

1. That the interpellant had an extra-marital relationship with Andrew Sayan, and from this relationship the minor … omissis … was born;

2. That the interpellant is certain that … omissis … is the biological offspring of Andrew Sayan.

Thus the plaintiff, in view of that above premised, asks the defendants to state why this Honourable Court should not:

1. Decide and declare for the reasons premised that the minor … omissis … is the natural son of the defendant Andrew

Andrew Sayan u konsegwentement tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors fosthom li jsiru l-korrezzjonijiet fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri kif mitluba fir-rikors.

Rikorrenti: Karen Inguanez, Block 2, 12, Taraġ it-Tarznari Antiki, Bormla

Intimat: Andrew Sayan, Oyster Court, Flat 3, Triq Sant'Ubaldeska, Raħal Ġdid / 16, The Orchid, Triq Dun Frans Camilleri, Il-Ħamrun

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Robert G. Mangion LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 6 ta' Jannar, 2020

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 31ta' Jannar, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Sayan and consequently uphold the other demands in the application amongst that the corrections in the birth certificate of the minor as demanded in the application be made.

Applicant: Karen Inguanez, Block 2, 12, Taraġ it-Tarznari Antiki, Bormla

Respondent: Andrew Sayan, Oyster Court, Flat 3, Triq Sant' Ubaldeska, Paola / 16, The Orchid, Triq Dun Frans Camilleri, Ħamrun

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you encounter any difficulty in the execution of this bann you are to inform this Court forthwith.

Given by the Civil Court (Family Section) above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Robert G. Mangion, LLD, Doctor of Laws.

Today 6th January, 2020

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 31st January, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

165

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-28 ta' Mejju, 2019, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1060/2018, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe vs Maria Mallia ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maria Mallia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum it-28 ta' Ġunju 2018

Lil Maria Mallia (KI 197765M) ta' 233, Valley Lodge, Triq il-Kostituzzjoni, Il-Mosta

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) ta' Gattard House, Triq

By means of a decree of the 28th May, 2019, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1989/2018 in the names Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe vs Maria Mallia, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Maria Mallia in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 28th June, 2018

To Maria Mallia (ID 197765M) of 233, Valley Lodge, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq

Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għannom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €1,007.01, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-Ligi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000203982 ossia dwar il-fond bl-indirizz Flt 3, 31, Tower Apartments, Triq tal-Katidral, San Pawl il-Baħar.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti jgħaddu biex jesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum il-31 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,007.01, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations or water supply regulations together with interest due on the amount according to Law regarding the bills number 101000203982 that is regarding the premises with address Flt 3, 31, Tower Apartments, Triq tal-Katidral, San Pawl il-Baħar.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 31st January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

166

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Novembru, 2019, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Victor Vella et vs Therese Mercieca et, Rikors Nru 207/2019MV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Therese Mercieca a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Victor Vella (KI 0102052M); Antonia sive Antoinette Vella (KI 0312140M) f'isimha proprju u f'isem l-assenti Elena Maria sive Helen Vella (KI 518642M) skont prokura tal-10 ta' Frar, 2003, Dokument X hawn anness; Marie Sammut (KI 0052744M); Joseph Mary Vella (KI 0299747M); Michelina Grixti (KI 0007150M); Gesmon Sammut (Ġesù Maria) sive Jesmond (KI 520165M) f'isem u għan-nom tal-assenti Rose Mary Todd (passaport Britanniku nru. 520893838) skont prokura Dokument Y hawn annessa vs Therese Mercieca (KI 1048644M) u

By means of a decree of the 19th November, 2019, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Victor Vella et vs Therese Mercieca et, Application Number 207/2019MV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Therese Mercieca in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Victor Vella (ID 0102052M); Antonia sive Antoinette Vella (ID 0312140M) in her own name and on behalf of the absent Elena Maria sive Helen Vella (ID 518642M) according to the power of attorney dated 10th February, 2003, Document X here attached; Marie Sammut (ID 0052744M); Joseph Mary Vella (ID 0299747M); Michelina Grixti (ID 0007150M); Gesmon Sammut (Ġesù Maria) sive Jesmond (ID 520165M) in his own name and on behalf of the absent Rose Mary Todd (British passport number 520893838) according to

Awtorità tad-Djar bħala Amicus Curiae, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-24 ta' Settembru, 2019, ir-rikorrenti Victor Vella (KI 0102052M) et umilment talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimata Therese Mercieca hija l-inkwilina tal-fond 109, ġja bla numru uffiċjali Ta' Pinu ġja Iris, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan ai termini tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, liema fond kien oriġinarjament mikri lilha u lill-mejjet żewġha versu l-kera ta' Lm180 fis-sena u llum titħallas bir-rata ta' €1,568.88.

2. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilina Therese Mercieca li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi maħruġa taħt l-Artikolu 1531F u 1622A tal-Kodiċi Ċivili) u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissositwixxuhom, liema test għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-inkwilina Theresa Mercieca bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2018, u fuq il-kapital tal-istess Theresa Mercieca fil-31 ta' Diċembru, 2018.

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXVII tal-2018, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fi-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 109 ġja bla numru uffiċjali Ta' Pinu ġja Iris, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan, b'effett mill-1 ta' Jannar, 2019, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera u fin-nuqqas jekk l-intimata Therese Mercieca ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi hija tiġi permessa żmien ta' ħames snin sabiex il-fond jiġi vakat, oltre li tħallas kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu li jammonta għad-doppju tal-kirja li kienet tkun pagabbli skont l-Artikoli 12 u 12 A tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta u dan skont il-kera li kellha tkun viġenti ai termini tal-Att X tal-2009 li m'għandhiex tiġi kunsidrata inqas mill-kera annwali dovuta mill-1 ta' Jannar, 2019, meta l-istess kera għandha togħla fuq it-tliet snin ta' qabel.

4. Jordna, f'każ illi l-intimata Therese Mercieca ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimata Therese Spiteri mill-fond 109 ġja bla numru uffiċjali Ta' Pinu ġja Iris, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan, Birkirkara fi żmien ħames snin mill-lum.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti u għal kwalsjasi talba għad-danni pekunjarji u nonpekunjarji u talbiet oħrajn jew kwalsjasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi ppreżentata.

the power of attorney Document Y here attached vs Therese Mercieca (ID 1048644M) and Housing Authority as amicus curiae filed before the Rent Regulation Board on the 24th September, 2019, the applicants Victor Vella (ID 0102052M) et request with respect that this Board:

1. Declares and decides that the respondent Therese Mercieca is the occupier of the premises 109 previously without official number Ta' Pinu previously Iris, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan originally rented to her and her late husband for the rent of Lm180 per year and today is paid at the rate of €1,568.88 per year.

2. Orders that the means test of the occupant Therese Mercieca is carried out, which test is to be based on the means test as established by the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria issued under Article 1531F and 1622A of the Civil Code) and any other regulations that may substitute these from time to time, which test has to be on the basis of the income of the occupant Therese Mercieca between 1st January and 31st December, 2018, and on the capital of the same Therese Mercieca on the 31st December, 2018.

3. Declares and decides that in terms of Act XXVII of 2018, the rent is to be revised to an amount which does not exceed 2% per year of the open market value of the premises 109 previously without official number Ta' Pinu previously Iris, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan with effect from the 1st January, 2019, and to establish new conditions regarding the lease and in default, if the respondent Therese Mercieca does not satisfy the criteria of income and capital of the means test, the respondent will be given a period of five years within which to vacate the premises, besides paying compensation to the applicant for occupying the premises during the said time which amounts to double the rent which was payable according to Articles 12 and 12A of Chapter 158 of the Laws of Malta and this relative to the rent that should have been payable in terms of Act X of 2009 which is to be not less than the annual rent due as of 1st January, 2019, when the said rent is to be increased over and above the rent payable for the preceding three years.

4. Orders, in case the respondent Therese Mercieca does not satisfy the criteria of the income and the capital of the means test, the eviction of the same respondent Therese Mercieca from the premises 109 previously without official number Ta' Pinu previously Iris, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan within five years from today.

With costs and the respondent is from now summoned so that reference to her oath be made and without prejudice to the constitutional and conventional rights of the applicant and to any claim for damages for pecuniary and non-pecuniary and other claims or of any other action that may be presented.

Rikorrenti: 113, Casa Vella, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan

Intimata: Therese Mercieca, 109, Ta'Pinu, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan u/jew The Ivies, Blokk A, Flat 5, Triq il-Mosta, Ħ'Attard

Ir-rikors fl-ismijiet Victor Vella et vs Therese Mercieca et, rikors numru 207/2019MV, jinsab differit għat-18 ta' Frar, 2020, fl-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicants: 113, Casa Vella, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan

Respondent: Therese Mercieca, 109, Ta'Pinu, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan and/or The Ivies, Block A, Flat 5, Triq il-Mosta, Ħ'Attard

The application in the names Victor Vella vs Therese Mercieca et, Application Number 207/2019MV, has been postponed for hearing to the 18th February, 2020, at 10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 31st January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

167

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-10 ta' Diċembru, 2019, fuq talba ta' Ace Aviation Services Limited ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Anton Zotti u Eillim Limited fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4769/2019 fl-ismijiet Ace Aviation Services Limited vs kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Diċembru, 2019, ta' Ace Aviation Services Limited (C 74986) vs kuraturi deputati biex jirrappreżentaw 1. lill-assenti Anton Zotti (passaport Awstrijak numru U-3731568) residenti 1, Clifton Terrace, Flat 3, Douglas, Isle of Man, ir-Renju Unit; u 2. Eillim Limited kumpanija registrata taħt il-liġijiet ta' Isle of Man (027252B) ta' Craig Lee Fistard, Port Mary, Isle of Man IM9SPQ fejn ACE Aviation Services Limited (C 74986) filwaqt li tagħmel referenza għall-ittra uffiċjali tagħkom tat-8 ta' Ottubru, 2019, referenza 3930/19 tirrespinġi l-allegazzjonijiet hemm minnkom magħmula bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-ewwel nett, irriżulta wara li ġie stipulat kuntratt, illi l-intimati ma kinux f'pożizzjoni illi jagħtu u jipprestaw is-servizz/impjieg li għalih ġew kontrattati, għal raġunijiet b'ebda mod imputabbli lill-mittenti ACE Aviation Services Limited, iżda esklussivament imputabbli lill-intimati jew min minnhom. Għalhekk xejn ma hu dovut.

Inoltre, il-mittenti jinterpellaw lill-intimati jħallsu l-ammont ta'€19,976.14 flus illi ħallset il-mittenti inutilment fosthom spejjeż lil trainer u service provider, u spejjeż oħra

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 10th December, 2019, following a request by Ace Aviation Services Limited it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absent Anton Zotti and Eillim Limited in the acts of the judicial letter number 4769/2019 in the names Ace Aviation Services Limited vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts on the 4th December, 2019, Ace Aviation Services Limited (C 74986) vs deputy curators to respresent 1. the absent Anton Zotti (Austrian passport number U-3731568) residing at 1, Clifton Terrace, Flat 3, Douglas, Isle of Man, United Kingdom; and 2. Eillim Limited, registered company under the laws of the Isle of Man (027252B) of Craig Lee, Fistard, Port Mary, Isle of Man, IM9 SPQ, whereby Ace Aviation Services Limited (C 74986) makes reference to your judicial leter dated 8th October, 2019, reference 3930/19, and refutes the allegations therein contained made by you as unfounded in fact and at law.

Firstly, it results after the contract was entered into, that the respondents were not in a position to give or render the service/job for which they were contracted, for reasons not imputable to the applicant Ace Aviation Services Limited, but exclusively imputable to the respondents or any one of them. So no amounts are due.

In addition, the applicants solicit the respondents to pay the amount of €19,976.14, representing monies uselessly paid by the applicant including costs of a trainer and service

bħala parti mill-ongoing training u professional development illi pilota ta' ajruplani obbligat jagħmel u mingħajr ma ħadet ebda benefiċċju minnu. Anzi, l-intimati arrikkew rwieħhom indebitament u mingħajr bażi jew ġustifikazzjoni.

L-intimati huma għalhekk interpellati solidalment sabiex fi żmien ġimgħa jersqu għall-ħlas u rifużjoni tal-ammont ta' €19,976.14 minnhom dovut għar-raġunijiet fuq premessi. Avżati wkoll illi f'każ illi l-intimati jipproċedu, il-mittenti ser tipproċedi rikonvenzjonalment għal tali rifużjoni.

Bl-imgħax mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali fuq l-ammont dovut lill-mittenti u bl-ispejjeż u r-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Liġi.

Rikorrenti: Ace Aviation Services Limited, Centre Point, Unit 3, 93, Triq il-Wied tal-Imsida, L-Imsida MSD 9024

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Grazio Mercieca LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 10 ta' Diċembru, 2019

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

providers, and other costs as part of the ongoing training and professional development that the aeroplane pilot was obliged to do and this without deriving any benefit from them. To the contrary, the respondents unjustifiably enriched themselves without any basis or justification.

Therefore, the respondents are in solidum solicited so that within one week they pay the sum of €19,976.14 due for the reasons above mentioned. They are further informed that if the respondents proceed, the applicant shall proceed to file a counter-claim for the said refund.

With interest from the date of notification of this judicial letter on the amount due to the interpellants and with costs and reserving the right to any other legal action.

Applicant: Ace Aviation Services Limited, Centre Point, Unit 3, 93, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida MSD 9024

Respondents: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Grazio Mercieca, LLD, Doctor of Laws.

Today 10th December, 2019

Registry of the Superior Courts, today 31st January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

168

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fis-26 ta' Diċembru, 2019, Rikors Numru 2242/2019, minn Carmen Chetcuti et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Josette Galea, Mary Sonia sive Sonia Chetcuti, Graziella Cassar u Brian Chetcuti ulied id-decujus ai termini ta' testment datat 28 ta' Ġunju, 1995, suġġett għad-dritt ta' użu u użufrutt fuq l-assi universali favur martu Carmen Chetcuti s-suċċessjoni ta' Alfred Chetcuti, li kien miżżewweġ lil Carmen Chetcuti, iben il-mejtin Pawlu Chetcuti u Giuseppa nee Vella,

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section on the 26th December, 2019, Application number 2242/2019 by Carmen Chetcuti et, whereby they requested that it will be declared open in favour of Joseph Galea, Mary Sonia sive Sonia Chetcuti, Graziella Cassar and Brian Chetcuti children of the decujus in terms of a will dated 28th June, 1995, subject to the right of use and usufruct on the universal estate in favour of his wife Carmen Chetcuti the succession of Alfred Chetcuti, who was married to Carmen Chetcuti, son of the late Pawlu

imwieled il-Furjana, kien residenti l-Iklin, Malta u miet Tal-Qroqq, L-Imsida, Malta fit-13 ta' Ottubru, 2019, ta' 81 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 0542338M, li miet b'testment datat 28 ta' Ġunju, 1995.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 31 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Chetcuti and Giuseppa nee Vella, born in Floriana and resided in Iklin, Malta and died in Tal-Qroqq, Msida, Malta on the 13th October, 2019, aged 81, and who held identity card number 0542338M, who died testate by a will dated 28th June, 1995.

Wherefore any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 31st January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

169

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fit-8 ta' Jannar, 2020, Rikors Numru 16/2020, minn Josephine Borg et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Josephine Borg, Carmen Galea, Victoria Borg, Alfred Debono, Emanuel Debono u Anthony Debono lkoll aħwa Debono f'ishma ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' ommhom Antonia Debono, armla ta' Joseph Debono, bint il-mejtin Giuseppe Cutajar u Emanuela nee Storaci, imwielda l-Mellieħa, Malta, kienet residenti l-Mellieħa, Malta u mietet Tal-Qroqq, l-Imsida, Malta fil-5 ta' Mejju, 2019, ta' 89 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 779929M.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Registru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 31 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section on the 8th January, 2020, Application number 16/2020 by Josephine Borg et, whereby they requested that it will be declared open in favour of Josephine Borg, Carmen Galea, Victoria Borg, Alfred Debono, Emanuel Debono and Anthony Debono all brothers and sisters Debono in equal shares between them the succession of their mother Antonia Debono widow of Joseph Debono, daughter of the late Giuseppe Cutajar and Emanuela nee Storaci, born in Mellieħa, Malta, resided in Mellieħa, Malta and died in Tal-Qroqq, Msida, Malta on the 5th May, 2019, aged 89, and who held identity card number 779929M.

Wherefore any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 31st January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

170

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Jannar, 2020, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4520/19, fl-ismijiet Angela sive Angele Scerri vs Dr Joseph M Sammut et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tan-Nutar Carmelo Gafà a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 20th January, 2020, in the records of the judicial letter number 4520/19 in the names Angela sive Angele Scerri vs Dr Joseph M Sammut et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Notary Dr Carmel Gafa in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 18 ta' Novembru, 2019

Lil

Dr Joseph M Sammut

Sonia-Catherine Sammut

Permezz tal-preżenti Angela sive Angele Scerri (KI 208665M) ta' The Lodge, 38, Triq Wied Babu, Iż-Żurrieq fil-kwalità tagħha ta' eredi unika ta' Giovanna Grixti (KI 816330M) filwaqt li tirreferikom għall-iskrittura privata datata 20 ta' Novembru, 2017, iffirmata bejnek Dr Joseph M Sammut u l-mejta Giovanna Grixti, u l-kuntratt ta' bejgħ tas-6 ta' Diċembru, 2017, fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafà, iffirmata bejnek ukoll u l-mittenti bħala prokuratriċi tal-istess Giovanna Grixti, it-tnejn dwar żewġ appezzamenti ta' art magħrufa Ta' Gasla fil-kuntradat Tal-Ġibjun, fil-limiti tan-Nigret, fiż-Żurrieq, tavżakom għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi li l-istess kuntrattazzjonijiet ma jiswewx għaliex il-kunsens ta' Giovanna Grixti kien fiż-żewġ istanzi karpit b'qerq u/jew vizzjat bi vjolenza.

Intom għalhekk interpellati sabiex, fi żmien erbat ijiem, tersqu għar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ imsemmi ppubblikat min-Nutar Dottor Carmel Gafà fis-6 ta' Diċembru, 2017. Din is-sejħa qed issir lilek ukoll Sonia-Catherine Sammut, fil-kwalità tiegħek ta' mart Dr Joseph M Sammut fi żwieġ ċelebrat f'Malta, u għalhekk parteċipi miegħu fil-komunjoni tal-akkwisti fit-termini tal-liġi.

Fin-nuqqas, il-mittenti tkun kostretta tipproċedi bil-Qorti u bil-mandati kontra tagħkom.

Notifika: Dr Carmel Gafà, 94, Vjal l-Indipendenza, Il-Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

Today 18th November, 2019

To

Dr Joseph M Sammut

Sonia-Catherine Sammut

By means of this present Angele Scerri (ID 208665M) of The Lodge, 38, Triq Wied Babu, Żurrieq, in her capacity as the sole heir of Giovanna Grixti (ID 816330M) whilst referring you to the private writing dated 20th November, 2017, signed between Dr Joseph M Sammut and the late Giovanna Grixti, and the deed of sale dated 6th December, 2017, in the records of Notary Doctor Carmel Gafà, signed also between you and the interpellant as procurator of the same Giovanna Grixti, both regarding parcels of land known as Ta' Gasla, in the vicinity Tal-Ġibjun, limits of Nigret, Żurrieq, warns you for all the effects and purposes of law that the same contractual arrangements are not valid since the consent of Giovanna Gritxi was obtained through fraud and/or vitiated by violence in both arrangements.

You are therefore solicited so that within four days you come forward for the rescission of the aforementioned deed of sale in the records of Notary Doctor Carmel Gafà dated 6th December, 2017. This letter is being sent to you also Sonia-Catherine Sammut, in your capacity as wife of Dr Joseph M Sammut, because the marriage was celebrated in Malta and so you participate with him through your community of acquests in terms of law.

In default, the interpellant is constrained to proceed at Law and with the issuance of warrants against you.

Notification: Dr Carmel Gafà, 94, Vjal l-Indipendenza, Mosta

Registry of the Superior Courts, today 31st January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

171

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-25 ta' Ottubru, 2019, ġiet ordnata l-publikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Alfred Abdilla.

Permezz ta' rikors ippreżentat fis-6 ta' Jannar, 2017, fl-atti tal-ittra uffiċjali 166A numru 7833/06, fil-kawża numru 1/2017MLF, fl-ismijiet Sergio Sciberras (KI 96071M) vs Alfred Abdilla (KI 488965M) u Maria Dolores sive Doreen Abdilla reża eżekuttiva fl-4 ta' Jannar, 2007, fejn Sergio

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 25th October, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of effecting service on Alfred Abdilla in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application filed on the 6th January, 2017, in the records of judicial letter 166A number 7833/06 in the Notice Number 1/2017MLF in the names Sergio Sciberras (ID 96071M) vs Alfred Abdilla (ID 488965M) and Maria Dolores sive Doreen Abdilla which was rendered executable

Sciberras (KI 96071M) a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma:

Illi permezz tal-ittra uffiċjali a tenur tal-Artikolu 166A ppreżentata fis-6 ta' Ottubru, 2006, bin-numru 7833/06, fl-ismijiet premessi, liema ittra ġiet reża eżekuttiva fl-4 ta' Jannar, 2007, fil-konfront ta' Alfred Abdilla, ir-rikorrenti ġie kanonizzat bħala kreditur tal-intimat Alfred Abdilla fis-somma ta' €5,692.92 bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-istess intimat.

Illi d-dejn hawn fuq indikat għadu dovut mill-intimat Alfred Abdilla lir-rikorrenti fl-intier tiegħu u peress li għaddew aktar minn ħames snin mid-data tal-eżekuzzjoni tal-imsemmija ittra uffiċjali, tinħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-Onorabbli Qorti sabiex ir-rikorrenti jkun jista' jesegwixxi t-titolu eżekuttiv ottenut minnu.

Għaldaqstant ir-rikorrenti qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha taworizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv ottenut permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 7833/06 mir-rikorrenti kontra l-intimat Alfred Abdilla, salv kull provvediment ieħor li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Magistrat: Dr Marseann Farrugia LLD

Avviż Nru 1/17MLF

Sergio Sciberras

vs

Alfred Abdilla et

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Sergio Sciberras tas-6 ta' Jannar, 2017;

Tordna n-notifika lill-intimat Alfred Abdilla u Maria Dolores sive Doreen Abdilla li għandhom għaxart (10) ijiem żmien min-notifika għar-risposta.

Illum 10 ta' Jannar, 2017

Rikorrent: Sergio Sciberras, Ta' Sergio, Triq Prof. Carmelo Coleiro, Qasam Industrijali Tal-Ħandaq, Ħal Qormi

Intimat: Alfred Abdilla, Blokk G1, Flat 3, Triq it-Trinċetta, Il-Mosta

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 31 ta' Jannar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

on the 4th January, 2007, whereby Sergio Sciberras (ID 96071M) respectfully pleaded in terms of Article 258 of Chapter 12 of the Laws of Malta and confirmed on oath:

By means of a judicial letter in terms of Article 166A filed on the 6th October, 2006, bearing reference number 7833/2006, in the names abovementioned, which letter was rendered executable on the 4th January, 2007, against the respondent Alfred Abdilla, the applicant was declared creditor of the respondent in the amount of €5,692.92 with costs and interest against the same respondent.

The debt abovementioned is still due by the respondent Alfred Abdilla to the applicant in its totality and since more than five years have passed from the date of execution of the said judicial letter, the authorisation of this Honourable Court is required so that the applicant can execute the executive title obtained by him.

Thus, the applicant company humbly requests that this Honorable Court to authorise the execution of the executive title obtained by means of the judicial letter number 7833/06 by the applicant against the respondent, saving any other order that this Honourable Court deems fit and opportune.

In the Court of Magistrates (Malta)

Magisrate: Dr Marseanne Farrugia LLD

Notice Number 1/17MLF

Sergio Sciberras

vs

Alfred Abdilla et

The Court,

Saw the application of Sergio Sciberras dated 6th January, 2017;

Orders the notification to the respondents Alfred Abdilla and Maria Dolores sive Doreen Abdilla who has (10) days from the day of notification to submit a reply.

Today 10th January, 2017

Applicant: Sergio Sciberras, Ta' Sergio, Triq Prof. Carmelo Coleiro, Tal-Ħandaq Industrial Estate, Ħal Qormi

Respondent: Alfred Abdilla, Block G1, Flat 3, Triq it-Trinċetta, Mosta

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 31st January, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603